malta
biennale
.art 2024

# STQARRIJA KURATORJALI

***Insulaphilia***

Atlantis, Utopja, il-gżira ta' Robinson Crusoe… Tul l-istorja miktuba, il-gżejjer dejjem tqiesu bħala l-antitesi tal-kontinent, iżda skont il-filosfu Franċiż Gilles Deleuze l-gżejjer saħansitra jħaddnu l-intensità tad-dinja nnifisha. Il-possibbiltà ta' gżira hija wkoll il-possibbiltà ta' dinja.

maltabiennale.art, li se jseħħ fl-2024, hu maħsub bħala biennale Mediterranju li jinvestiga l-ħsieb insulari u jħares lejn il-gżira mhux bħala utopja tal-kartolini iżda bħala lok li minkejja l-limiti tal-konfini tiegħu, jipproduċi opportunitajiet ta' tagħlim u laqgħat.

Altru milli xi ħaġa safja, il-gżira tibqa' dejjem prinċipju ta' kompożizzjoni u invenzjoni. Il-pożizzjoni ta' Malta f'nofs il-Mediterran tagħmel minn din il-gżira osservatorju ideali mnejn jiġu mixtarra l-kwistjonijiet kurrenti ta' dawn l-inħawi, u mnejn wieħed jimmaġina possibbiltajiet ġodda għall-ġejjieni pari passu mal-viżjoni tal-artist. Il-lok ta' kull art iżolata huwa l-ewwel aspett li jidentifikaha; il-ġrajja marittima ta' Malta mgħoddija bil-fomm minn ġenerazzjoni għal oħra tmur lura sekli sħaħ, u mal-milja taż-żmien din il-gżira kellha sehem strateġiku ewlieni bħala salib it-toroq tal-Mediterran.

Malta tispikka għat-trasformazzjoni, bħala punt ta' wasla u tluq, bħala stat-nazzjon, li l-identità tiegħu toħroġ minn sekli ta' kolonizzazzjoni. B'rabta dejjiema mal-bosta ċiviltajiet ta' baħħara li ddominaw l-ibħra tar-reġjun u mbagħad sfumaw fix-xejn, il-portijiet naturali Maltin offrew kenn u refuġju, iżda wkoll opportunitajiet ta' kummerċ, għal kull min fittex li jrabbi l-għeruq, jaħkem, u jirrenja – mill-Feniċi u r-Rumani sal-Biżantini, l-Għarab, in-Normanni, l-Ordni ta' San Ġwann, il-Franċiżi, u fl-aħħar l-Ingliżi.

L-identità Maltija hi mnaqqxa fil-ġebla, fejn kull ċiviltà ħalliet warajha x-xhieda tagħha fil-binjiet megalitiċi, fil-banjijiet tal-qedem, fil-katakombi, fil-kumplessità tal-fortifikazzjonijiet, fir-rikkezza barokka, fil-kwartieri militari, u fit-tarzni. Il-kapitali, il-Belt Valletta, hi l-isbaħ xhieda ta' tmiem ir-Rinaxximent, imsejsa fuq pjanta li l-uniformità tagħha tfakkar prinċipji neoplatoniċi u llum rikonoxxuta bħala Sit ta' Patrimonju Dinji mill-UNESCO.

maltabiennale.art se jistħarreġ il-kunċett tal-identità fid-diversi dimensjonijiet tiegħu, bil-pedament ikun it-tlaqqigħ u l-iskambju bejn kulturi differenti, imżewweġ mal-weġgħat tal-għarfien inevitabbli tat-trawma tal-kolonizzazzjoni.

L-ispazju pubbliku se jiġi investigat fl-isfond tan-natura kunfliġġenti tat-tifkiriet tal-kontinġenzi politiċi li mmarkaw it-territorju ġeografiku u soċjali Ewro-Mediterranju.

L-għan ta' maltabiennale.art hu li jiġbed lejh nies minn oqsma differenti u jimla spazji pubbliċi b'arti li tpaxxi l-għajn, bl-iskop li l-pubbliku jingħata ċ-ċavetta biex jiskopri xogħlijiet kumplessi u n-narrattiva tagħhom tul xahrejn fir-rebbiegħa tal-2024.

Bis-sehem ta' artisti mill-Mediterran kollu, maltabiennale.art se jgħaqqad il-Lvant mal-Punent u t-Tramuntana man-Nofsinhar, biex jixpruna l-qsim ta' ideat u viżjonijiet filwaqt li jixtarr mill-ġdid it-territorji u l-identitajiet tradizzjonali u nomadiċi tar-reġjun.

Sofia Baldi Pighi
Direttriċi Artistika